

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1096/2007****ta' 1-20 ta' Settembru 2007**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri spċifici ristrettivi diretti kontra persuni li jaġixxu bi ksur ta' l-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 li jimponi ċerti miżuri spċifici ristrettivi diretti konta persuni li jaġixxu bi ksur ta' l-embargo ta' l-armi fir-rigward tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (<sup>(1)</sup>), u partikolarmen l-Artikolu 9(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jelenka l-persuni naturali u legali, l-entitajiet u l-korpi li fuqhom huwa impost l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skond dak ir-Regolament.

(2) Fil-11 ta' Settembru 2007, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti emenda l-lista tal-persuni naturali u legali, l-entitajiet u l-korpi li għalihom għandu jaġplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu b'hekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tad-data tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaġplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Settembru 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Eneko LANDĀBURU

*Direttur ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/2007 (ĠU L 204, 4.8.2007, p. 5).

## ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif ġej:

Id-daħla "Kambale **Kisoni** (*alias* Dr Kisoni). Data tat-twelid: 24.5.1961. Post tat-twelid: Mulashe, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Nazzjonaliż: Kongoliża. Nru tal-passaport: C0323172. Informazzjoni oħra: Resident ta' Butembo. Negozjant fid-deheb, is-sid ta' Butembo Airlines u ta' Congocom Trading House f'Butembo" għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Kisoni **Kambale** (*alias* (a) Dr Kisoni, (b) Kidubai, (c) Kambale **Kisoni**). Data tat-twelid: 24.5.1961. Post tat-twelid: Mulashe, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK). Nazzjonaliż: Kongoliża. Nru tal-passaport: C0323172. Informazzjoni oħra: (a) Negozjant fid-deheb, sid ta' Butembo Airlines u ta' Congocom Trading House f'Butembo (b) Miet fil-5.7.2007 f'Butembo, RDK."

---